MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Numru. 1150/2010

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Stefano Caruana, iben Louis, imwieled Pieta' fl-20 ta' Jannar, 1981, Karta ta' l-Identita numru 65081(M)
u
Jesrena Sciberras, bint Carmelo, imwieleda Zabbar fil-21 ta' Ġunju, 1988, Karta ta' l-Identita numru 286088(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
talli fil-21 ta' Marzu, 2010 għal ħabta ta' bejn is-1.30 p.m. u is-2.30 p.m. ġewwa l-ħanut bl-isem ta' McDonalds li jinsab ġewwa l-Arcadia Shopping Centre li qiegħed fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Għawdex ikkomettew serq ta' basket, li kien fih 'Nintendo', proprjeta' ta' Carmela Oliva liema serq hu aggravate bil-valur u bil-persuna.
Lil **Stefano Caruana**, waħdu –

Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet ta' l-Ordni ta' Probation mogħtija lilu f'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-21 ta' Diċembru, 2009.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu, 2011 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-oġġett misruq ġie ritornat lil sidu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu, 2011 fejn l-imputati ammettew l-akkużi rispettivi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-aggravju tal-persuna u għalhekk tilliberhom minn tali aggravju. Issib lill-imputata **Jesrena Sciberras** ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Issib lill-imputat **Stefano Caruana** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali

billi ma tqabbdu ebda esperti u lanqas ma hemm il-lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------